# KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058


**Minuti tat-Tielet ( 03 ) Laqgħa tas-Seba' ( 07 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Gimgħa 20 t'April 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija. Din il-Laqgħa saret bħala l-ewwel kontinwazjoni tal-Laqgħa numru Tnejn ( 02 ) li saret nhar il-Gimgħa 13 t'April 2012.**

Il-Laqgħa bdiet fil-6.15 ta' filgħaxija .

Il-Kunsilliera kienu prezenti kif jidher hawn taht.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Il-Perit Graziella Galea | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sur John Bray | Skużat | |
| Is-Sur Raymond Tabone | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 6.07p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sur Jason Camilleri | 6.00p.m. | 7.45p.m. |
| Is-Sur Peter Abela | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sur Anne Marie Fenech | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 6..00p.m. | 9.10p.m. |
| Il-Perit Daniel Grima | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sur Carmel Hili | 6.00p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sna Jane Chircop | 6.00p.m. | 9.10p.m. |

Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Ray Bartolo kien pereżenti għall-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.15p.m.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ewwel ( 01 ) Laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Il-Minuti tal-Ewwel ( 01 ) Laqgħa tas-Seba' Kunsill li saret nhar it-Tnejn 02 t'April 2012 fis-6.30 ta' filgħaxija ġew approvati wara li saru dawn il-korrezzjonijiet:

**1.01** F'*item* 4.07 'Proġett Miżura 313' fl-aħħar tat-tieni paragrafu żdiedet is-sentenza **"Hija qalet li kienet ser tagħti risposta aktar tard."**

**1.02** F'*item* 4.11 'Proġett MTA – Triq San Ġilardu u San Frangisk' fl-aħħar tal- paragrafu żdiedet is-sentenza **"Il- Perit Graziella Galea qalet li MTA kienu nfurmati diga".**

**1.03** F'item 6.01 'Aġġornamenti –KAB' wara t-tieni paragrafu żdied paragrafu: **" Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad saħaq ukoll illi rigward is-Sejħa għall-Offeti għaż-Żamma tas-*Soft Areas*, daqs sena ilu, hu kien għadda lis-Segretarju Eżekuttiv is-siti kollha li hemm f'Burmarrad u Wardija li jaqgħu taħt dan it-*tender*. Dan sabiex ikun jista jiġu *drafted* l-ispeċifikazzjonijiet tat-*tender*. Ġara li t-*tender* baqa' ma nħariġx. Konsegwenza ta' dan il-Kumitat Amministrattiv għadu sal-lum il-ġurnata jeħel €632.70 fix-xahar għaż-Żamma tal-Pjazza ta' Burmarrad, apparti l-*fee* fix-xahar relatata maż-Żamma tas-*Soft Areas*. Iż-Żamma tal-Pjazza ta' Burmarrad ser tiġi inkluża f'dan it-*Tender* li kellu joħroġ madwar sena ilu. Dan wassal, biex intortament, il-Kumitat Amministrattiv ħallas madwar EUR8,000. Fuq qbil waqt laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv, iċ-Ċerpersin ressaq talba quddiem il-Kunsill Lokali sabiex il-Kumitat jigi kompensat."**

**2.00 Punti Mqajma mill-Minuti.**

**2.01 Dwar *item* 1.03 –Stqarrija ta' Merħba tas-Sindku.** Il-Perit Graziella Galea ippreżentat lis-Sindku stqarrija bil-miktub ( kopja annessa ) mingħand il-Kunsilliera eletti kollha f'isem il-Partit Nazzjonalista bid-data tat-13 t'April 2012 li fiha saret referenza għat-tqassim tad-dekasteri. Huma talbu li jingħataw qasam speċifiku skond kif titlob il-liġi. Innotaw li diversi dekasteri ma

jiffurmawx parti fill-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali skont il-ligi u li l-ġurnata tal-Ġimgha kif proposta għall-laqgħat tal-Kunsill għandha tinbidel u ssir nhar ta' Tnejn.

Is-Sindku qara din l-istqarrija u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jieħu nota tagħha biex titniżżel fil-Minuti. Is-Sindku qal li l-ħidmiet li huma ppjanati jiffurmaw il-pillastri tas-sostenibilta' tal-lokalita' li bħalma kien semma qabel, dawn huma l-iżvilupp ambjentali , l-iżvilupp soċjali , l-iżvilupp kulturali u l-iżvilupp finanzjarji. B'hekk tinġieb dik il-qabża fil-kwalita' tal-manniġġ tal-governanza lokali . Is-Sindku 'rrefera għas-sens komun u mhux għal atteġjament ieħor.

**2.02 Dwar *item* 4.01 – L-Istaff tal-Kunsill.** Il-Perit Graziella Galea qalet li hija kienet infurmata tard wisq ftit minuti qabel ma bdew l-intervisti u għalhekk ma kienx possibli għaliha li tattendi għall-intervisti ma' l-applikanti ġodda.

**2.03 Dwar *item* 4.07 – Proġett Miżura 313**. Il-Perit Graziella Galea qalet li hija kienet qed taċċetta li tkompli fuq dan il-proġett.

**2.04 Dwar *item* 4.08** – Proġett ESF. Il-Perit Daniel Grima qal li kien hemm bżonn li l-Kunsill jkollu *desk-officer* sabiex jieħu ħsieb l-applikazjonijiet u l-proġetti tal Unjoni Ewropeja. Huwa żied jgħid li l-applikazzjoni tal-proġett ESF kienu tant sarulha emendi li kien hemm bżonn li jkun hemm persuna li tiffoka u tippreżenta il-*project description* sas-27 t'April 2012.

Il-Kunsillier Peter Abela wera interess li huwa jiġi 'nvolut għaliex dan il-proġett kien waqa' b'sitt xhur lura. Is-Sindku qal li l-Perit Graziella Galea u Peter Abela kienu responsabbli għall-emendi li kienu saru liema emendi kienu mitluba mill-PPCD. Kienu 'nbiddlu biss il-*Project Leader* u l-*Contact Person.*

**3.00 Evalwazzjoni tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita.**

**3.01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Annwali u qal li skont il-liġi l-Kunsill kien obbligat li jinnota u jevalwa l-ilmenti u s-suġġerimenti li kienu saru mir-residenti preżenti għall-Laqgħa Annwali li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2012. Huwa qara l-ilmenti u s-suġġerimenti li saru mid-diversi residenti w ġew innotati.

**3.02** Dwar l-ilmenti dwar Triq Ġulju, is-Sindku qal li l-Perit kien qed jipprepara stima għar-rikostruzjoni ta' din it-triq. Huwa qal li l-Kunsill kellu bżonn ta' aktar fondi għat-tiswija u rikostruzjoni tat-toroq f'San Pawl il-Baħar u kien importanti li l-Perit jagħmel *cost-estimates* fuq it-toroq kollha tal-lokalita'.

**3.03** Dwar l-ilmenti ta' żibel u skart fit-toroq, il-Perit Daniel Grima semma l-istat ħażin tal-bankina quddiem Mecca Enterprises u li dik iż-żona kienet inbidlet f'miżbla. Huwa qal li kien hemm bżonn ta' sistemi ta' CCTV fit-toroq sabiex jinqatgħu l-abbużi. Il-Kunsillier Peter Abela qal li dawn is-sistemi ta' CCTV kienu jiswew ħafna tant li meta kienet inġabet stima għal sitt kameras fil-passat din kienet ġiet aktar min tlettax il-elf ewro.

**4.00 Materji Urġenti.**
F'dan l-istadju, is-Sindku talab li jiġu diskussi l-ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti ( *Tenders* ) għal diversi xogħolijiet u kuntratti.

**4.01** Is-Sindku qal li kien hemm bżonn li tinħareġ sejħa għall-manutenzjoni tas-Soft Areas. Huwa qal li ma min jingħata dan il-kuntratt irid wkoll ikun responsabbli mill-ġbir ta' materjal taż-żabra ta' siġar u pjanti mingħand ir-residenti li għandu jiġi depożitat f'boroż apposta kull nhar ta' Tnejn. Dan kien inaqqas sostanzjalment l-ispiża tat-*tipping fees.*

**4.02** Is-Sindku qal li kien xtaq jitkellem dwar il-kuntratt ta' ġbir ta' skart domestiku. Hawn il-Perit Graziella Galea iddikjarat li hija seta kellha konflitt ta' interess għaliex il-Kuntrattur preżenti kien relatat magħha. Hija ma' ntalbitx toħrog mill-Laqgħa u għalhekk baqgħet preżenti għall-Laqgħa. Il-Kunsillier Ray Tabone qal li ma kienx hemm bżonn li Graziella Galea tiddikjara konflitt ta' Interess.
Is-Sindku qal li kien hemm bzonn jiżdied l-ammont ta' skart riċikklabli w li r-residenti għandhom jingħataw l-boroż griżi b'xejn. Huwa qal li l-ġabra ta' dan l-iskart fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar kienet ferm taħt il-kwota medja nazzjonali.
Is-Sindku qal li huwa kien qed jipproponi li dan il-kuntratt għandu jinqasam f'erba' għal titjib fil-manniġġ tal-iskart u jinħarġu sejħiet pubbliċi separati għall-ġbir ta' skart domestiku u organiku għaż-żoni ta' San Pawl il-Bahar, Buġibba u Qawra, Xemxija / Imbordin / San Martin, u

Burmarrad / Waardija / Imselliet u parti mill-Bidnija. Dan ukoll fid-dawl li t-*tenders* ilhom skaduti.

Il-Kunsillier Peter Abela staqsa jekk dan kienx ser jinvolvi aktar spejjes. Is-Sindku qal li b'dawn is-suġġerimenti għandu jiżdied il-ġbir ta' skart riċikklabli u dan kien inaqqas l-ispiża tat-*tipping fees* u anke jkun hemm dħul mill-bejgħ ta' kartun, karti, plastiks, eċċ.

Is-Sindku qal li Green Mt għandhom bżonn iżiedu l-ammont ta' konteníturi ( *bins* ), u jiżdiedu l-*Eco-Wardens* fil-lokalita'.

Is-Sindku qal li kien hemm bżonn li l-Kunsilliera kollha jaħdmu id f'id u b'sistema ta' pari ( wieħed minn partit ma' ieħor minn partit ieħor ) sabiex b'hekk jintlaħqu l-għanijiet tal-manifesti elettorali taż-żewġ partiti.

**4.03** Dwar il-kuntratt għall-Ġbir ta' Skart Goff, is-Sindku qal li kien hemm bżonn li din is-sistema tiġi studjata u jinstab rimedju dwar il-ħlas ta' skart goff li ma jkunx imniżżel fil-lista li tingħata lill-Kuntrattur. Dan kien jiġri għaliex kienu joħorġu skart goff fit-toroq mingħajr ma javżaw lill-Kunsill. Ġie deċiż li dawn għandhom jibqaw jinġabru mill-Kuntrattur u dan jitħallas tagħhom iżda għandhom jsiru spezzjonijiet mill-Kunsillier responsabbli jew minn *works handyman* sabiex ma jkunx hemm lok ta' abbużi.

**4.04** Dwar il-Kuntratt tal-Knis, is-Sindku qal li kien hemm bżonn tissolva l-problema ta' flixken tal-plastik u affarijiet oħra li kien qed jispiċċaw fil-baħar. Huwa qal li Green MT kienu lesti jieħdu ħsieb dan billi jipprovdu mezz ta' trasport lill-Kunsill b'xejn. Huwa qal li kien hemm bżonn li jsiru taħdidiet mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika dwar il-manutenzjoni u t-tindif tax-xtut tal-lokalita'.

Is-Sur Ray Bartolo qal li huwa kien jaqbel ma dawn is-suġġerimenti iżda kollox għandu jsir skont kif tippermetti l-liġi.

**4.05** Dwar il-Kuntratt tal-Manutenzjoni tal-Latrini, is-Sindku qal li kien hemm bżonn li titnaddaf il-Latrina ta' Buġibba u tiġi rinovata kif meħtieġ. Huwa qal li għal dan kien ser jitlob li b'mod urġenti jiġu assenjati ħaddiema tal-IPSL u dawn ikunu jistgħu jagħmlu wkoll xogħol ta' rampi għall-persuni b'diżabilita' sabiex il-lokalita' issir waħda inklussiva. Is-Sindku qal li waqt

li hemm fond għal dan ix-xogħol , ma twettaq xejn u jekk ma jsir xejn se jintilfu dawn il-fondi biex isiru r-rampi jew *drop ends* tal-bankini.

**5.00 Materji Finanzjarji.**

**5.01** Rendikont ta' Dħul ta' Fondi. Ġiet approvata l-lista tad-dħul ta' flus għax-xahar ta' Marzu 2012.

**5.02** Rendikont ta' Pagamenti.

Ġiet ippreżentata l-lista ta' pagamenti. Is-Sindku iddikjara li dawk il-pagamenti li jirreferu għal perijodu ta' qabel l-01 t'April 2012 għandhom jiġu 'ffirmati mis-Sindku ta' dak iż-żmien il-Perit Graziella Galea, filwaqt li dawk il-pagamenti ta' wara l-01 tApril 2012 jiġu 'ffirmati minnhu. Sar qbil dwar dan u l-Perit Graziella Galea 'ntalbet tistudja l-lista tal-pagamenti u tiffirma l-lista ta' dawk il-pagamenti ta' qabel l-01 t'April 2012. Is-Sindku qal li ma jistax jerfa' responsabbilta' ta' dak li sar qabel l-01 t'April 2012.

**5.03** Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol.

Ġiet approvata l-Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol kif preżentata.

Is-Sindku qal li huwa xtaq jiddiskuti l-Ordnijiet ta' Xogħol li jirrigwardja attivitajiet li kienu ser jiġu organizzati mill-Kunsilliera skont id-dekasteri tagħhom.

Il-Kunsillier Peter Abela oġġezzjona dwar dan għaliex qal li d-dekasteri kien għadhom mhux approvati mill-Kunsilliera individwali w barra minn dan dawn ma kienux lanqas ċari.

Is-Sindku wieġeb li jekk is-Sur Peter Abela ma kienx qed jaċċetta xi wħud mill-karigi li ġew assenjati lilu, dan għandu jgħid hekk. Huwa żied jgħid li uħud mill-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista kienu diġa wrew li huma kienu aċċettaw dawn l-karigi tant li diga' bdew jaħdmu fuq diversi proġetti. Huwa tenna li xtaq li jara li jiġu mwettqa iż-żewġ programmi tal-Partiti politiċi li huma rappreżentati f'dan il-Kunsill.

Il-Perit Graziella Galea qalet li dak li jrid jgħid is-Sur Peter Abela hu li wieħed għandu jimxi mal-liġi.

Is-Sindku qal li għalkemm kien forsi jidher li kien hemm xi *overlapping* fid-dekasteri, il-Kunsilliera kollha kienu awtonomi u kien persważ li maż-żmien kollox kien jiċċara.

**5.05** Is-Segretarju Eżekuttiv talab u ġie awtorizzat jagħmel arranġamenti mal-GO sabiex issir l-istallazjoni ta' linji tal-Active TV għall-użu tal-anzjani fis-sular ta' fuq taċ-Ċentru Ċiviku u linja għal *Live-Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill.

**6.00 Materji Oħra.**

**6.01** Is-Sindku tkellem dwar il-Laqgha tar-Reġjun li huwa kien attenda għaliha u li fiha ġiet diskussa s-sistema tal-L.E.S. Huwa qal li kien jidher ċar li s-sistema ma kinitx ġusta mal-Lokalita' ta' San Pawl il-Baħar. Dan għaliex dak li kien jgħodd għal lokalitajiet oħra ma kienx jgħodd għal San Pawl il-Baħar. Huwa kien qed jissuġġerixxi li l-kummisjoni ta' 10% għandhom jitħallsu lill-Kunsilli Lokali ta' fejn tkun inħarġet iċ-ċitazzjoni u mhux fejn titħallas. Huwa qal ukoll li meta huwa ma jkunx jista jattendi għall-Laqgħat tar-Reġjun, għandu jattendi l-Viċi-Sindku.

**6.02** Is-Sindku semma l-każ ta' Casa Serena u ġie inkarigat il-Kunsillier Peter Abela sabiex jitkellem mas-sidien ta' Casa Serena u jara jekk jistax jintlaħaq xi ftehim għaliex il-Pulizija kienu qed jinsistu li dan ix-xogħol isir. Il-Kunsillier Peter Abela għandu jirrapporta lura lis-Sindku dwar dan u issir diskussjoni fil-Kunsill aktar l'quddiem. Is-Sindku qal li kellu informazzjoni li l-kawża li għamlet il-Pulizija kontra s-sidien kienu tilfuha u l-Qorti ordnat biex il-Kunsill Lokali iwettaq bl-aktar mod mgħaġġel it-twissijiet neċessarji fuq il-bankina għaliex il-Kunsill Lokali hu responsabbli mill-bankina. Is-Sindku qal li ma jistax jifhem kif ħadd ma tkellem li din il-kawża kienet inqatgħet ferm qabel daħal il-Kunsill il-ġdid fl-01 t'April 2012.

**6.03** Is-Sindku qal li kienet ser tinħareġ sejħa għal *Traffic Management* professjonali. Din is-sejħa tkun minn sena għal-sena u jiġi ifformulat *master-plan.* Il-persuna li tiġi 'ngaġġata għandha tkun esperta fl-ippjanar tat-traffiku u tagħmel rapport ta' sinjali u tabelli li hemm bżonn f'kull triq tal-lokalita'.

**6.04** Il-Kunsillier Mandy Buħaġiar talbet u ġie approvat li jinxtara u jiġi nstallat il-*hardware* meħtieġ mingħand Stephen Wellman għall-prezz ta' madwar Euro327.-- sabiex il-Laqgħat tal-

Kunsill jiġu strimjati fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill. L-għażla saret wara li nġabru l-kwotazzjonijiet.

**6.05** Il-Kunsillier Jason Camilleri talab u ġie approvat li jiġu 'nstallati katina u / jew *peephole* f'bibien ta' anzjani sabiex ikollhom sigurta' f'darhom. Dan għandu jsir a spejjes tal-Kunsill. Dan il-proġett hu parti minn programm tal-Kunsill lokali li jniedi s-sigurta' u l-ħarsien tal-anzjani.

**6.06** Ġie approvat li l-Kunsill ikkollabora sabiex tittella' attivita' maż-Żgħażagħ Ġawrhin b'*budget* ta' mhux aktar min Euro 1,500.—

**6.07** Tqajjem il-każ tal-ilma li qed jinżel fuq iż-żona tal-Aċċess minn galleriji privati. Ġie deċiż li l-Kunsill jara x'jista jsir dwar dan il-każ. Naturalment il-binja referuta taqa' taħt l-Awtorita' tad-Djar.

**7.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li diversi Kunsilliera ma kienux jaqblu li l-ġurnata tal-Laqgħat tal-Kunsill tkun nhar ta' Ġimgħa w ipproponiet li tinstab ġurnata oħra aktar konvenjenti għal kulhadd.

Is-Sindku qal li d-deċiżjoni kienet li l-ġurnata għandha tkun nhar ta' Ġimgħa wara li kien stabbilit fl-ewwel seduta imma ma jeskludix li jkun hemm xi eċċezzjonijiet skond iċ-ċirkustanzi li jinqalgħu. Ma hux possibli li tissodisfa lil kulħadd imma tipprova almenu.

Il-Laqgha spiċċat fid-9.10 ta' filgħaxija għaliex kien hemm Kunsilliera li ma setghux joqgħodu aktar u ġiet aġġornata għat-tkomplija tal-Aġenda fi-żmien ħmistax mill-lum.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **John J. Camilleri** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |
| 22 ta' Mejju 2012 | ref. 55/4892/12/0JJC |